TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Steve Dimech**

**vs**

**Autosales Ltd (C491)**

CCT 87/23/CC

Illum 28 ta' Jannar, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur npprezentata fit-23 ta' April 2024, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' €150 (mija u hamsin ewro) minghand is-socjeta intimata, rapprezentanti ammont bonarju reklamat minnu in segwitu li huwa ha l-vettura tieghu ghal servizz ta' manutenzjoni, liema vettura baqghet taghti difett in segwitu ghal tali servizz ta' manutenzjoni ezegwit mis-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata Auto Sales Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta relattiva, fejn ikkontestat it-talba avvanzata mill-attur, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Ra li l-partijiet ipprezentaw il-provi taghhom, inkluz dokumentazzjoni relattiva fis-seduti appuntati ghal dan il-ghan.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi in succint jirrizulta li l-attur kien ha l-vettura tieghu ta' l-ghamla Renault Captur ghand is-socjeta intimata peress li l-vettura kellha problema bil-*clutch*. Is-socjeta intimata infurmat lil attur li waqt is-servizz li gie ezegwit fuq il-vettura ta' l-attur, gew identifikati xi problemi ohrajn li gew indirizzati. L-attur susegwentement mar gabar il-vettura tieghu minghand is-socjeta intimata, u waqt it-tragit tieghu lejn id-dar, il-problema tal-*clutch* regghet tfaccat fil-vettura tieghu. Illi l-attur jispjega li huwa hallas l-ammont ta' madwar €184 (mija u erba' u tmenin ewro) lis-socjeta intimata, u

bonarjament qieghed javvanza din it-talba ghar-rifuzjoni ta' l-ammont bonarju ta' €150 (mija u hamsin ewro).

Illi s-socjeta intimata tikkontesta l-ammont reklamat mill-attur, u tirrileva li x-xoghlijiet imwettqa fuq il-vettura ta' l-attur gew ezegwiti skond l-arti u s-sengha.

Ikkunsidra;

L-attur tramite din il-procedura qieghed jilmenta li huwa ma inghatax servizz tajjeb minghand is-socjeta intimata u qieghed bonarjament jitlob rifuzjoni ta' parti mill-ammont imhallas minnu.

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, t-Tribunal fl-ewwel lok jaghmel referenza ghad-dokumentazzjoni ipprezentata minn entrambi l-partijiet, u tax-xhieda li ddeponew viva voce fl-atti ta' dawn il-proceduri. Hija l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li l-versjoni avvanzata mill-attur hija kredibbli u timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attur irnexxielu jipprova l-istanza avvanzata minnu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba tieghu ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lil attur s-somma ta' €150 (mija u hamsin ewro).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mill-attur ghal ammont ta' €150 (mija u hamsin ewro) u jordna lis-socjeta intimata thallas dan l-ammont lil attur.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata Autosales Ltd.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru